MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 2410/1996/1

**David Pandolfino**

**v.**

**Eurojet Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

1. Dan huwa appell maghmul minn David Pandolfino ("l-appellant") minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2000. Din il-Qorti ma

thossx il-htiega li terga’ ttenni dettaljatament il-kontenut tac-citazzjoni li bdiet dawn il-proceduri kif ukoll in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, billi dawn kollha jinsabu riprodotti fil-kopja tas-sentenza msemmija li qeghdha tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

2. Bizzejjed jinghad li bejn il-kontendenti kien hemm kuntratt iffirmat fil-5 ta’ Dicembru 1994, li bih is-socjeta` konvenuta impjegat lill-attur appellant bhala *co-pilot* fuq ajruplan Cesna Citation 500 operat mis-socjeta` konvenuta bhala *air taxi*. Il-kuntratt kien ghal zmien definit ta’ sentejn, li pero` gie terminat mis-socjeta` konvenuta fit-28 ta’ Dicembru 1995 u dana ghal ragunijiet elenkati fl-ittra a fol. 204 tal-process li ggib l-imsemmija data. L-attur appellant qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li t-tkeccija tieghu mill-impjieg kienet ingusta u bazata fuq asserzjonijiet foloz. *In oltre* qed jitlob li jigu likwidati u mhallsa lilu mis-socjeta` konvenuta s-salarji b’lura, il-beneficcji u hlasijiet varji ohra dovuti lilu.

3. Is-socjeta` konvenuta ikkontestat il-kawza fuq l-allegazzjoni li t-tkeccija mill-impjieg saret ghar-ragunijiet validi u gusti skond il-ligi. Eccipiet ukoll li fi kwalunkwe kaz, l-attur huwa intitolat biss li jircievi nofs il-paga ghall-perijodu rimanenti ta’ zmien espressament miftiehem fil-kuntratt.

4. Il-kontendenti ressqu provi verament voluminuzi f’din il-kawza. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa opportun jew neccessarju li taghmel rassenja ta’ l-istess provi akkwiziti fil-process ghaliex dan ix-xoghol diga` sar, sostanzjalment b’mod korrettissimu, mill-ewwel Onorabbli Qorti. Il-Qorti tillimita ruhha li tghid li jidher li l-partijiet sabu certi diffikultajiet fl-esekuzzjoni ta’ dan il-kuntratt. Infatti, minn naha ta’ l-attur, dan gie rinfaccjat b-ammont relattivament zghir ta’ *flying hours* ghaliex is-socjeta` konvenuta ma kienetx qeghdha tiggenera bizzejjed xoghol ghaliha nnifisha. B’rizultat ta’ dan, l-attur ma setghax juzufruwixxi daqs kemm xtaq mill-*allowances* previsti fil-kuntratt ta’ impjieg, u minhabba f’hekk huwa ma bediex ilahhaq mal-hlas lura rateali li kien marbut li jaghmel mal-Bank in

konessjoni ma’ self li kien dahal fih biex huwa seta’ jimpjega ruhu mas-socjeta` konvenuta. Pregudizzju iehor li sofra l-attur kien li huwa ma kienx qieghed jinghata l-possibilta` illi jiehu kontroll ta’ l-ajruplan kif kien jistenna. Dan il-fatt kien sejjer jippregudika il-kwalifika li, bi spejjez kbar, kien ottjena fil-bidu biex isuq l-ajruplan in kwistjoni.

5. Is-socjeta` konvenuta, minn naha taghha, lanqas kienet sodisfatta bix-xoghol li kien qieghed jaghtiha l-attur. Infatti s-socjeta` konvenuta hasset il-bzonn li twissi lill-attur permezz ta’ ittra datata 20 ta’ Marzu 1995 u li kopja taghha tinsab a fol. 105 tal-process. Irrizulta wkoll li s-socjeta` konvenuta baqghet tkun insodisfatta bil-prestazzjoni l-attur tant li fit-28 ta’ Lulju 1995 intbaghtet ittra ohra lill-attur li ssenjalatlu li l-prestazzjoni tieghu mhux talli ma tjibitx talli kienet iddeterjorat hafna u taghtu r-ragunijiet ghaliex kien qieghed jintqal hekk. Jirrizulta li wara din l-ittra, li tinsab a fol. 107 tal-process, ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti komplew jiddeterjoraw tant li fit-28 ta’ Dicembru 1995 l-impjieg ta’ l-attur gie terminat ghal ragunijiet imsemmija fl-ittra li ggib l-istess data.

6. L-attur dejjem sostna li l-allegazzjonijiet kontenuti fl-ittri tas-socjeta` konvenuta kienu ghal kollox inveritjeri. Is-sentenza appellata tikkontjeni d-dettalji kollha saljenti dwar iz-zewg verzjonijiet konfriggenti li ressqu il-partijiet ghall-iskritinju ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti. *Inter alia* dik il-Qorti rrimarkat hekk:
“...il-posizzjoni ta’ Co-pilot fuq ajruplan kummercjali hija wahda ta’ responsabbilita` kbira inkwantu l-persuna li zzomm tali posizzjoni tista’ f’kaz ta’ emergenza tissejjah sabiex tissostitwixxi l-pilota fil-kontroll ta’ l-ajruplan. Ghalhekk huwa mistenni minn din il-persuna li din mhux biss ikollha c-certifikati mehtiega biex jintitolawha legalment tiehu kontroll ta’ l-ajruplan izda trid tissodisfa lill-kaptan li hija kompetenti li taghmel dan bla perikolu ghall-passiggieri u ghall-ajruplan innifsu. Mill-provi prodotti jidher li l-attur ma ssodisfax dan ir-rekwizit u inoltre ma ghamel xejn biex jilhaq dak il-grad ta’ “knowledge” mehtieg minnu. Tant hu hekk li gie imwissi darba, gie mwissi darb’ohra u fl-ahharnett gie mibghut lill-medical

officer tal-kumpanija biex issir investigazzjoni fuq certi akkuzi specifici li kienu qed isiru fil-konfront tieghu u li setghu iwasslu ghall-perikolu lin-nies u l-ajruplan. Lanqas fl-ahhar okkazzjoni l-attur ma ttanta jezonera ruhu billi jipprova jikkonvinci persuna ndipendenti li dak li kien qed jinghad fil-konfront tieghu ma kienx gustifikat. Din il-Qorti ghalhekk issib li l-akkuzi mressqa mis-socjeta` konvenuta fir-rigward tal-kapacitajiet ta' l-attur kienu gustifikati u jammontaw ghal raguni tajba u bizzejjed ghat-terminazzjoni ta' l-impieg a termini tas-subinciz 14 ta' l-Artikolu 34 tal-Kap. 135."

7. L-ewwel Onorabbli Qorti mbaghad ghaddiet biex tikkonsidra l-ahhar tlett domandi ta' l-attur kontenuti fl-att tac-citazzjoni. Jirrizulta li l-attur kien qieghed jitlob hlas tas-somma ta' Lm12409.36 (tnax-il elf erba' mija u disa' liri u sitta u tletin centezmu) kif dettaljament muri fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur li tinsab a fol. 370 *et sequitur* tal-process. Ghar-ragunijiet li tat fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ddisponiet dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' talba billi ddikjarat li l-ammont bilancjali dovut lill-attur kien biss ta' Lm677.40 (sitt mija sebgha u sebghin Liri Maltin u erbghin centezmu) u ghalhekk ikkundannat is-socjeta` konvenuta thallas dan l-ammont lill-attur bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1996. Finalment dik il-Qorti ordnat li l-ispejjjez fic-cirkostanzi kellhom jigu sopportati mill-kontendenti, kulhadd tieghu, b'dan ukoll li l-attur ghandu jhallas l-ispejjez tar-registru.

**<u>II. L-APPELL</u>**

8. L-attur hassu aggravat minn din is-sentenza u appella minnha quddiem din il-Qorti b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Ottubru 2000. Ghar-ragunijiet li huwa spjega fir-rikors tieghu l-attur appellat talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tbiddel u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur appellant bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

9. L-appell gie kontestat mis-socjeta` konvenuta fir-risposta ta' l-appell taghha u dan ghal diversi ragunijiet elenkati fl-istess risposta. Is-socjeta` appellata talbet li l-

appell interpost jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

10. Bazikament ir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant jikkritika l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata. Infatti, l-appellant jistlet numru konsiderevoli ta' dikjarazzjonijiet mis-sentenza appellata dwar apprezzament ta' provi u huwa jaghti r-ragunijiet dettaljati tieghu ghaliex ma setghax jaqbel ma' l-istess dikjarazzjonijiet tal-Qorti. Bazikament huwa qieghed isostni l-aspett relattiv tat-tezi tieghu biex jipprova jikkonvinci li din it-tezi kellha tipprevali fuq it-tezi kontrarja sostnuta mis-socjeta` konvenuta appellata.

11. Biex jinghata ezempju tan-natura ta' l-aggravju mressaq mill-appellant quddiem din il-Qorti sejra tigi citata din is-silta mir-rikors ta' l-appell fuqha:
Illi mill-provi migbura l-esponenti ma jistax jaqbel ma' l-ewwel Onorabbli Qorti fejn din iddikjarat li:

1. "b'dana kollu, minkejja li dawn l-ittri kienu jikkontjenu intima ta' terminazzjoni ta' mpjieg, l-attur ma' ghamel xejn dwarhom u donnu accetta l-kontenut taghhom."

Mix-xhieda ta' l-attur stess li ma kienet kontradetta minn hadd jirrizulta li f'Gunju 1995 kien irrapporta d-diffikultajiet li kellu mal-Kaptan Xuereb lill-managing director u 50% co-owner Joseph Azzopardi li kien hasel idejh u sempliciment qallu li Xuereb kien il-Kaptan tieghu u kellu joqghod ghal dak li kien jghidlu. Xi ftit gimghat wara fl-Lulju 1995 meta Xuereb tah l-ittra datata 28 ta' Lulju 1995 u qallu biex jaqra u jiffirma fil-prezenza ta' Joseph Azzopardi, l-attur wara li qara l-ittra qallu li ma kienx sejjer jiffirma l-ittra minhabba l-kontenut taghha u kien biss wara li Xuereb beda jghajjat u jsabbat fuq il-mejda fil-prezenza ta' Azzopardi u qallu li ma kienx sejjer ihallieh jitlaq mill-ufficcju qabel jiffirma dik l-ittra u li kien sejjer iwaqqaf l-operations tal-kumpannija u jzommu responsabbli ghad-danni kollha li l-attur mhedded u mbezza ffirma kontra l-volonta` tieghu. Malli missier l-attur, Alfred Pandolfino, sar jaf bl-ittri, minnufih ghamel appuntament mac-

Chairman tal-kumpanija George Fenech biex jiehu sodisfazzjon dwar dawn iz-zewg ittri u flimkien ma' l-attur jispjega s-sitwazzjoni attwali.

Ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li l-attur qatt ma 'accetta l-kontenut taghhom' (l-ittri).

2. "kien biss fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti f'dawn il-proceduri li l-attur sostna li huwa kien iffirma dawk l-ittri minhabba theddid u pressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta jew tal-Kaptan Xuereb."

Meta missier l-attur mar Bugibba fl-ufficcju tac-Chairman sabiex jiltaqa' ma' George Fenech u jaghmel l-appuntament, Fenech staqsieh ghalfejn l-attur iffirma dawk iz-zewg ittri u missier l-attur minnufih irrisponda li r-raguni kienet ghaliex kien mhedded minn Xuereb. Din il-kwistjoni tqajmet ukoll fil-laqgha li saret mal-bord tad-diretturi tas-socjeta` konvenuta fil-prezenza ta' George Fenech, Chairman, Joseph Azzopardi, Managing Director, Alfred Mifsud, Financial Director u l-Kaptan Lino Xuereb li minn naha taghhom ma kienux interessati ta' min kien ir-ragun u t-tort u tawh jumejn zmien biex jirrizenja u li jobbliga ruhu li ma jfittixhomx ghad-danni. Anke fil-laqgha mat-tabib Vella l-attur infurmah li gie kostrett jiffirma z-zewg ittri ghaliex kien gie mhedded mill-Kaptan Xuereb.

3. "izda jigi osservat li kemm-il darba l-attur iffirma li rceva dawk l-ittra b'theddid huwa ghal kollox irrelevanti billi l-kontenut taghhom xorta jibqa' espressjoni ta' thassib ta' min kien qed jimpjegah u dawn certament ma jirrizultax li kienu mgieghla jiktbu dak li hemm fl-ittri minhabba xi qerq jew raggieri ta' xi hadd."

Anzi huwa element importanti hafna u rilevatissimu li l-attur iffirma li rceva dawk l-ittri minhabba t-theddid. Il-punt hu li l-kontenut ta' dawk l-ittri kien falz, fabbrikat u nfondat b'agir abbuziv da parti ta' l-istess dirigenti tas-socjeta` konvenuta proprju minhabba l-qerq taghhom li jidher manifest mill-mod kif imxew mieghu tant li ma kienux interessati fil-verita` u fis-sitwazzjoni li nstab fiha l-attur u sahansitra tawh jumejn zmien sabiex jirrizenja 'minn

jeduu', jirrinunzja ghad-danni u Lino Xuereb anke hadlu l-kopja tal-kuntratt li kellu l-attur maghhom evidentement bi skopijiet ulterjuri. L-attur gie mhedded kemm-il darba minn Xuereb li kien sejjer itellifflu l-licenzja tieghu ma' l-awtoritajiet biex b'hekk ma jkunx jista' jsib impjieg iehor band' ohra Malta."

12. Fir-risposta ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta saret referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet pprezentata quddiem l-ewwel Qorti. Hemmhekk *inter alia* tinghata l-verzjoni tas-socjeta` appellata li silta minnha hi din:
"(a) li l-attur ma kienx preparat jew f'posizzjoni li jonora l-obbligi tieghu biex jippilota l-ajruplan u b'hekk, kif titlob is-sengha, jkun f'qaghda li jhares is-sikurezza tal-passiggiera u ta' l-istess ajruplan. F'dan il-kuntest l-attur innifsu jikkonfessa in kontro-ezami illi l-Kaptan Xuereb kien bosta drabi jattiralu l-attenzjoni biex jimpruvja u li kien jinsiti mieghu biex jaqra aktar, fis-sens li jkun familjari mas-sistemi kollha ta' l-ajruplan.

"Naturalment l-attur jirrifuggi wara l-iskuzanti li l-Kaptan ma kienx ihallih itajjar l-ajruplan u biex, skond hu, ma jimliex il-log book. Huwa jissokta jinterpreta r-rapport tieghu mal-Kaptan bhala wiehed difficli ghax dan kien jghidlu li ghadu "green", li l-paper-work tieghu kien hazin, li kien deficjenti fil-"basic mathematics" u fuq kollox li l-"flying standards" tieghu kienu anqas minn dak ta' private pilot.

"(b) li nonostante bosta 'warnings' l-attur naqas li jtejjeb il-qaghda tieghu u/jew iwarrab l-atteggament negattiv tieghu. Dan kollu hu spjegat fl-ittri tal-kumpanija ta' l-20 ta' Marzu, 19995, u tat-28 ta' Lulju 1995, li l-kontenut taghhom gie rikonoxxut mill-istess attur bil-firma tieghu apportata fuq l-istess ittri.

"Rinfaccjat b'dawn il-provi lampanti l-attur, fi sforz biex jahbi n-nuqqasijiet tieghu, jistahba wara r-rifugju pwerili illi "<u>ma jaqbelx mal-kontenut ta' l-ittri</u>" u "<u>li ffirma taht theddid</u>". Intant qatt ma impunjahom jew ipprotesta ruhu dwarhom izda biex iserrah mohh missieru (Alfred

Pandolfino, Affidavit 17 ta' Frar 1997) qallu li l-kontenut ta' l-ittri kien "falz".

"Is-socjeta` esponenti mhux biss ipproduciet dawn l-ittri in affemazzjoni tal-posizzjoni taghha izda wkoll is-sett ta' domandi posti lill-attur biex jigi ttestjat dwar il-progress tieghu – fatt dan li ghall-bidu l-attur jinnega, izda rinfaccjat bihom, stqarr li ma wegibx ghax il-Kaptan hadlu l-karti. Tali asserzjni giet ribattuta mill-istess Kaptan Xuereb fis-seduta tat-12 ta' April, 1999, fejn qal li kien l-attur li ghaddihomlu lura ghax, fi kliemu stess, "qtajt qalbi". Del resto, l-attur stess stqarr mal-Kaptan, li kien ghamel zball li telaq il-job li kellu.

"(c) Jezistu certament bosta aspetti ohra, kompriz dawk kontenuti fl-ittra tal-licenzjament tat-28 ta' Dicembru 1995, u li certament din il-Qorti ser tindirizza ruhha dwarhom."

13. Kif sewwa jinvoka l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, din il-kawza tiddependi propriju mill-apprezzament tal-kredibilita` u verosimiljanza tal-fatti kif mistqarra mix-xhieda, l-aktar mill-attur u missieru, fuq naha wahda, u mill-Kaptan Xuereb fuq in-naha l-ohra. Kollox ma kollox il-verzjoni ta' dan l-ahhar imsemmi xhud tidher verosimili u kredibbli. Gie provat li kien propriju l-Kaptan Xuereb li ghazel lill-attur biex ikun il-co-pilot tieghu. Kien hu li hajru jitlaq minn mal-Madavia biex jimpjega ruhu mas-socjeta` konvenuta. Din investiet ukoll fl-attur u ma nghatat l-ebda raguni plawsibbli mill-attur ghaliex dan il-Kaptan kellu jaghmel il-hajja ta' l-attur difficli. L-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni ghaliex ma hassx in-neccessita` li jikkontesta bil-miktub l-ittri ta' twissija li baghtitlu s-socjeta` konvenuta, kif kellu kompitu li jaghmel jekk ma kienx jaqbel mal-kontenut taghhom. Fil-fehma tal-Qorti l-intervent ta' missier l-attur fis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-attur ma ghenet xejn lill-attur biex jimmeljora l-posizzjoni tieghu. Hemm diversi aspetti ohra fil-provi ta' l-attur li jqajmu dubji dwar il-verosimiljanza tat-tezi tieghu li din il-Qorti ma tarx il-bzonn li jigu elenkati hawn.

14. Irid mill-ewwel jigi ribadit li huwa principju ormai ben not fil-gurisprudenza nostrali li din il-Qorti ta’ l-Appell bhala Qorti ta’ Revizjoni ma tiddisturbax diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi hlief f’kazijiet eccezzjonali u ghal motivi gravi. L-ewwel Qorti kellha l-vantagg li tigbor ix-xhieda u l-provi l-ohra kollha mressqa mill-kontendenti u kienet f’posizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti biex taghmel apprezzament gust u xieraq tal-provi akkwiziti fil-process. L-ewwel Qorti ghamlet skrutinju approfondit tal-provi u din il-Qorti minghajr ebda ezitazzjoni ghandha tosserva li, wara li ezaminat akkuratament il-lanjanzi kollha mressqa mill-attur appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu, ma sabet xejn censurabbli fl-operat ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti. Mhux hekk biss, izda din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-partijiet waslet ghall-istess konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti. Jidher car ghal din il-Qorti li fuq bilanc ta’ probabbiltajiet il-verzjoni tas-socjeta` konvenuta tidher aktar kredibbli u verosimili mill-verzjoni ta’ l-attur. Ghalhekk din il-Qorti wkoll tikkonkludi li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-attur sar ghal raguni gusta u valida skond il-ligi. Anke fir-rigward tal-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tal-hlasijiet li huma dovuti lill-attur, din il-Qorti ma ssib xejn sostanzjali li ghandha ticcensura fl-istess likwidazzjoni li saret mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma thossx in-necessita` li tamplifika aktar ghaliex kieku kellha taghmel dan hija terga’ tirrepeti *piu` o meno* dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu kollha a karigu ta’ l-attur appellant.

Deputat Registratur
df

## APPENDICI

Kopja tad-decizjoni tal-Bord moghtija fit-2 ta' Ottubru 2000, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------